**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**
**AVVIŻI 29 TA' SETTEMBRU 2019**

**Tberik tal-Basktijiet tal-Iskola**
Għada l-Ħadd 29 ta' Settembru 2019 ser issir it-tberik tal-basktijiet tal-iskola fil-quddiesa tad-9:15am. Il-ġenituri huma mħeġġa jġibu lil uliedhom għal din il-quddiesa li fiha ser jitbierku l-basktijiet tal-iskola fil-bidu tas-sena skolastika l-ġdida.

***Car Wash* quddiem is-Sala Sant'Anna**
Għada l-Ħadd 29 ta' Settembru 2019 ser issir *Car Wash* quddiem is-Sala S.Anna bejn is-7:00am u 12:30pm mill-membri ta' Youths Marsaskala b'risq l-istess għaqda.

**Għoti ta' Demm**
Għada l-Ħadd 29 ta' Settembru 2019 bejn it-8:30am u s-1:00pm se jsir l-għoti tad-demm fi Pjazza Medjatriċi, mal-ġenb tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar. Inħeġġiġkom sabiex immorru nagħtu d-demm u aħna mitlubin nieħu magħna l-ID Card.

**Ministri Straordinarji tat-Tqarbin**
It-Tnejn 30 ta' Settembru 2019 fis-7:00pm, fis-Sala Sant'Anna se ssir laqgħa għall-Ministri kollha tat-Tqarbin li fil-Parroċċa tagħna jqarbnu fil-knisja parrokkjali u anke lill-morda fid-djar tagħhom.

**Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom**
It-Tnejn 30 ta' Settembru 2019 fis-6:00pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara.

**Bidu tas-Sena Kateketika l-Ġdida.**
**Museum Subien**
Nhar il-Ħamis 26 jew nhar il-Ġimgħa 27 ta' Settembru jibdew il-lezzjonijiet għat-tfal kollha fil-Museum tas-subien minbarra dawk li tilgħin Year 2. Dawk li se jkunu fil-Year 2 u li se jagħmlu l-ewwel Tqarbina fl-2020 jibdew bil-lezzjonijiet minn nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru jew nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru.

**Museum Bniet**
Il-Ħamis 26 ta' Settembru  jibdew ukoll it-tfal kollha li jattendu fil-Museum tal-bniet minbarra dawk li tilgħin Form 1. Il-Form 1 bniet jibdew nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru jew nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru.

**Iċ-Ċentru tad-Duttrina tal-Munxar**
It-tfal li se jattendu fiċ-Ċentru tad-Duttrina tal-Munxar se jibdew minn nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru jew nhar it-Tlieta 1 ta' Ottubru.

**Ċentri tad-Duttrina Sala Sant'Anna**
It-tfal li se jattendu fiċ-Ċentru tad-Duttrina fis-Sala Sant'Anna se jibdew minn nhar l-Erbgħa 2 ta' Ottubru 2019 fil-5:00pm.

**Rużarju f'Ottubru**
Niftakru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru, fis-5:55pm (qabel il-quddiesa tas-6:30pm), jintalab ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat. Nhar ta' Sibt jibda wara l-quddiesa tas-6:30pm u l-Ħadd jibda fil-5:25pm. Inħeġġukom sabiex bħala familja titolbu t-talba tar-Rużarju flimkien.

**Caritas Social Club**
It-Tlieta 1 ta' Ottubru 2019 fid-9:30am jibda l-Grupp Caritas Social Club fis-Sala Sant'Anna biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa.

**Tberik tal-Familji**
It-Tlieta 1 ta' Ottubru 2019 ser nibdew it-tberik tal-familji. Hija okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Ġesù.
**Fl-4:30pm jibda t-tberik tad-djar fi Triq il-Friefet.**

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**
L-Erbgħa 2 ta' Ottubru 2019 wara l-quddiesa tat-7:45am jibda jiltaqa' l-Grupp tal-Anzjani tal-Ispiritwalità fil-Knisja Parrokkjali.

**Mother and Baby Club**
L-Erbgħa 2 ta' Ottubru 2019 fid-9:00am jibda l-Mother and Baby Club fis-Sala Sant'Anna.

**Mothers' Prayers**
L-Erbgħa 2 ta' Ottubru 2019 fl-10:00am jibdew il-laqgħat tal-Mothers' Prayers biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna.

**Koppji Mexxejja tal-Kors ta' Kana**
L-Erbgħa 2 ta' Ottubru 2019 fis-7:00pm jiltaqgħu l-Koppji Mexxejja tal-Kors ta' Kana fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Festa tal-Madonna tar-Rużarju**

Il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru 2019 huwa l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar u l-festa tal-Madonna tar-Rużarju.  Għalhekk nhar il-Ġimgħa fil-5:30pm jkun hawn is-saċerdoti għall-Qrar, fis-6:00pm nitolbu t-talba ta' filgħaxija tal-Knisja, fis-6:30pm quddiesa u wara purċissjoni *Aux Flambeaux* bix-xbieha tal-Madonna tar-Rużarju. Fit-8:00pm il-puċissjoni tasal fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna fejn tibda quddiesa b'suffraġju għall-benefatturi tal-Knisja Parrokkjali u tal-Villa Apap Bologna, il-Baruni u l-Barunessa Apap Bologna. Wara l-quddiesa fi spirtu ta' talb nakkumpanjaw lix-xbieha tal-Madonna lura lejn il-Knisja Parrokkjali. Inħeġġukom sabiex tattendu u flimkien nitolbu t-talba tar-Rużarju.

***Seminar* għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof**

Is-Sibt 5 u l-Ħadd 6 ta' Ottubru 2019 fis-Sala Sant'Anna ser issir is-*seminar* għall-ġenituri u l-parrini tal-Adolexxenti li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof.

**Magħmudija Komunitarja**

Il-Ħadd 6 ta' Ottubru 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

**Għaqda Nisa Sant'Anna**

It-Tnejn 7 ta' Ottubru 2019 fid-9:30am jibda l-Grupp tan-Nisa Sant'Anna biċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u wara jkomplu bil-laqgħa fis-Sala Sant'Anna.

**Seminar għall-Operaturi Pastorali**

Il-Ġimgħa 11 ta' Ottubru 2019 ser norganizzaw Seminar għall-Operaturi Pastorali jiġifieri għall-persuni kollha involuti fil-Parroċċċa tagħna. Niltaqgħu għall-Quddiesa tas-6:30pm u wara ninżlu fis-Sala Sant'Anna u nibdew il-laqgħa flimkien. Jekk jogħġobkom idħlu fis-sagristija u ħudu karta ta' applikazzjoni.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 12 ta' Ottubru 2019 fil-Knisja Parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, l-Ħamrun, fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11.00pm.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**

Il-Ġimgħa 18 ta' Ottubru 2019 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Jannar u Ġunju 2020. *Bookings* mill-Uffiċċju Parrokkjali.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2019 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella’ l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.

**Fuljett ‘Flimkien’**

Wasal il-fuljett *Flimkien* għax-xahar ta’ Ottubru 2019. Nitolbu lid-distributuri biex jiġbru l-kopji tagħhom mis-sagristija, waqt li nirringrazzjawhom tas-servizz li qed jagħtuna.